

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/611

tad-9 ta' April 2019

**li japprova emenda mhux minuri fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Liquirizia di Calabria" (DOP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tad-Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta "Liquirizia di Calabria", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1072/2011 <sup>(2)</sup>, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1403/2013 <sup>(3)</sup>.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda, kif meħtieġ skont l-Artikolu 50(2)(a) tal-istess Regolament, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(4)</sup>.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar l-isem "Liquirizia di Calabria" (DOP) huma approvati.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1072/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Liquirizia di Calabria (DPO)] (ĠU L 278, 25.10.2011, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1403/2013 tat-19 ta' Diċembru 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispesifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Liquirizia di Calabria (DPO)] (ĠU L 349, 21.12.2013, p. 86).

<sup>(4)</sup> ĠU C 449, 13.12.2018, p. 28.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2019.

*Għall-Kummissjoni,*  
*F'isem il-President,*  
Phil HOGAN  
*Membru tal-Kummissjoni*

---